



## **Rapport annwali dwar il-funzjonament tar-Reġistru ta' Trasparenza 2023**

**Ippreżentat mill-Bord tat-Tmexxija tar-Reġistru ta' Trasparenza**

**għall-**

**Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni  
Ewropea**

Rapport annwali dwar il-funzjonament tar-Reġistru ta' Trasparenza għandu jiġi ppreżentat lill-istituzzjonijiet firmatarji, f'konformità mal-Artikolu 13(3) tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar reġistru ta' trasparenza obligatorju.

Dan ir-rapport jistabbilixxi informazzjoni fattwali dwar ir-Reġistru ta' Trasparenza, il-kontenut tiegħu u kwalunkwe bidla li tikkonċernah fl-2023. Huwa jirrapporta wkoll dwar il-miżuri ta' kundizzjonalità u ta' trasparenza komplementari, li huma fis-seħħ fl-istituzzjonijiet firmatarji fl-istess sena.

## Werrej

I. Sommarju eżekuttiv .....	3
II. Introduzzjoni.....	3
III. Governanza.....	4
IV. Miżuri ta' kundizzjonalità u ta' trasparenza komplementari.....	4
V. Attivitajiet tas-Segretarjat.....	9
1. Monitoraġġ tal-kwalità tad- <i>data</i> .....	9
2. Servizz ta' Helpdesk.....	10
3. Investigazzjonijiet.....	11
4. Laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija tal-2023.....	12
5. Gwida u sensibilizzazzjoni .....	12
6. Żviluppi tekniċi .....	13
7. Awditu tal-QEA dwar ir-registruta' Trasparenza.....	13
VI. Statistiċi .....	14
1. Żvilupp tar-Reġistru ta' Trasparenza .....	14
2. Interessi rappreżentati.....	15
3. <i>Data</i> ġeografika.....	16
4. Fehmiet tad- <i>data</i> tar-registruta' trasparenza .....	17
VII. Konklużjonijiet.....	18

## I. Sommarju eżekuttiv

Is-sena 2023 kienet sena ta' skrutinju u attività intensi għar-Reġistru ta' Trasparenza. L-użu tar-reġistru bħala għodda ta' informazzjoni u referenza għall-attivitàjiet ta' rappreżentanza ta' gruppi ta' interess fil-livell tal-UE kompli jżdid, kif muri miż-żieda fl-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni u fl-għadd ta' talbiet diretti mill-applikanti u r-reġistranti għall-assistenza tal-helpdesk, kif ukoll talbiet għal informazzjoni mill-pubbliku ġenerali. Kemm il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kif ukoll il-Kumitat Ewropew tar-Regġuni adottaw miżuri tal-involvement volontarju tagħhom fil-qafas tar-Reġistru ta' Trasparenza. Huwa importanti li r-reġistru għadda minn awditu kumpless mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u kien is-suġġett ta' investigazzjoni mill-Ombudsman Ewropew.

Is-Segretarjat tar-reġistru żied il-monitoraġġ immirat tiegħu fuq ir-reġistranti għal terz tal-għadd globali ta' reġistranti fl-2023. Barra minn hekk, kien hemm interess konsiderevoli fl-użu tal-għodda tal-ilmenti fl-2023, li juri skrutinju kostanti tal-kontenut tal-bażi tad-*data*. Is-Segretarjat nieda diversi investigazzjonijiet ġodda fuq inizjattiva proprja u kompli l-ħidma tiegħu fuq dawk pendenti mis-sena preċedenti.

Dawn l-attivitàjiet huma deskritti f'aktar dettall fir-rapport.

## II. Introduzzjoni

Ir-reġistru ta' Trasparenza huwa l-għodda ta' referenza deżinjata għar-rappreżentanza ta' gruppi ta' interess fil-livell tal-UE. Huwa bażi tad-*data* stabbilita biex tipprovdi lill-pubbliku b'informazzjoni aġġornata dwar l-attivitàjiet ta' rappreżentanza ta' gruppi ta' interess immirati biex jinfluwenzaw il-proċessi tat-tfassil tal-liġijiet u tal-implimentazzjoni tal-politika tal-istituzzjonijiet tal-UE. Dan jgħin biex jinżamm rekord ta' liema interessi qed jiġu rappreżentati lill-istituzzjonijiet, min qed jirrappreżentahom u f'isem min, liema fajls leġiżlattivi huma fil-mira u liema riżorsi huma ddedikati għall-attivitàjiet relatati. Hija l-għodda ewlenija tal-UE għall-promozzjoni ta' rappreżentanza trasparenti u etika ta' gruppi ta' interess u biex jiżdedu l-ftuħ u l-viżibbiltà tal-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u tas-soċjetà ċivili fil-proċess demokratiku tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea joperaw ir-reġistru ta' Trasparenza b'mod konġunt, abbażi tal-Ftehim Interistituzzjonali (IIA, Interinstitutional Agreement) adottat fl-2021<sup>1</sup>.

F'konformità mal-Artikolu 13 tal-FII, dan ir-rapport fih informazzjoni fattwali dwar ir-reġistru ta' Trasparenza, il-kontenut tiegħu u kwalunkwe bidla introdotta matul il-perjodu ta' rapportar. Huwa jipprovdi wkoll ħarsa ġenerali lejn il-miżuri ta' kundizzjonalità u ta' trasparenza komplementari li bħalissa huma fis-seħħ fl-istituzzjonijiet firmatarji.

---

<sup>1</sup> Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar reġistru tat-trasparenza obligatorju, ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1.

### III. Governanza

Ir-reġistru ta' Trasparenza għandu struttura ta' governanza fuq żewġ livelli: Bord ta' Tmexxija li jipprovdi sorveljanza u direzzjoni ġenerali dwar ir-reġistru u Segretarjat inkarigat mill-ġestjoni ta' kuljum tiegħu.

Il-Bord tat-Tmexxija jiżgura l-implimentazzjoni ġenerali tal-FII. F'dan il-kuntest, huwa responsabbli biex jidentifika l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet annwali għar-reġistru ta' Trasparenza, jadottadwar il-funzjonament tiegħu u joħroġ struzzjonijiet ġenerali lis-Segretarjat. r-rapport annwali Huwa għandu wkoll il-kompitu li jeżamina u li jiddeċiedi dwar kull talba għal rieżami tal-miżuri li jkunu ġew applikati mis-Segretarjat wara investigazzjoni.

Is-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni flimkien jiffurmaw il-Bord tat-Tmexxija. Jiltaqgħu mill-anqas darba fis-sena u kull Segretarju Ġenerali jkollu l-presidenza għal mandat annwali. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ippresieda l-Bord ta' Tmexxija fl-2023.

Is-Segretarjat joffri gwidadwar il-proċess ta' reġistrazzjoni lir-rappreżentanti ta' interess, jimmonitorja u jivverifika l-eliġibbiltà tal-applikazzjonijiet, u jwettaq verifiki fuq il-kwalità tal-informazzjoni pprovduta mir-reġistranti. Huwa jittratta lmenti dwar ksur allegat tal-kodiċi ta' kondotta minn reġistranti u jista' japplika miżuri fejn iqis li l-kodiċi ma ġiex osservat b'mod xieraq. Is-Segretarjat iħejji wkoll ir-rapport annwali u jqajjem kuxjenza dwar ir-Reġistru ta' Trasparenza (ara taqsima V).

Is-Segretarjat huwa magħmul minn persunal mit-tliet istituzzjonijiet firmatarji, fl-2023 ammonta għal 1 lekwivalenti għal full-time. Huwa rrappreżentat fil-Bord tat-Tmexxija u fil-pubbliku minn Koordinatur, li jissorvelja l-operazzjonijiet ta' kuljum. Fl-2023, il-kap tal-unità responsabbli għat-trasparenza fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni kien il-Koordinatur maħtur tas-Segretarjat.

Informazzjoni dettaljata dwar il-governanza tar-Reġistru ta' Trasparenza tinsab [fuq is-sit web tiegħu](#).

### IV. Miżuri ta' kundizzjonalità u ta' trasparenza komplementari

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jadottaw kull wieħed, permezz ta' deċiżjonijiet individwali, miżuri ta' kundizzjonalità fejn ir-reġistrazzjoni fir-reġistru ta' Trasparenza hija prekundizzjoni għar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess biex ikunu jistgħu jwettqu ċerti attivitajiet ewlenin ta' rappreżentazzjoni tal-interessi. It-tliet istituzzjonijiet jistgħu jadottaw ukoll miżuri ta' trasparenza komplementari biex ikomplu jinkoraġġixxu r-reġistrazzjoni u jsaħħu l-qafas konġunt stabbilit mill-FII.

Il-miżuri ta' kundizzjonalità jew ta' trasparenza komplementari li bħalissa huma fis-seħħ f'kull waħda mit-tliet istituzzjonijiet huma spjegati fid-dettall hawn taħt.

Istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-UE, kif ukoll l-Istati Membri fir-rigward tar-rappreżentanzi permanenti tagħhom fl-UE, jistgħu jinnotifikaw lill-Bord tat-Tmexxija dwar miżuri ta' kundizzjonalità jew ta' trasparenza komplementari li jadottaw u jitolbu li dawn jiġu ppubblikati fuq is-sit web tar-Reġistru ta' Trasparenza. Fl-2023, il-Kumitat Ekonomiku u

Soċjali Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għamlu tali notifiki. Saru wkoll diskussjonijiet fil-livell tas-servizz ma' għadd ta' korpi oħra tal-UE bi tweġiba għall-mistoqsijiet tagħhom.

L-Istati Membri kollha impenjaw ruħhom li japplikaw miżura ta' kundizzjonalità matul il-Presidenza tagħhom tal-Kunsill u fis-sitt xhur ta' qabel, billi jagħmlu l-laqgħat bejn ir-Rappreżentant Permanenti u d-Deputat Rappreżentant Permanenti rispettivi tagħhom għall-UE u r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess bil-kundizzjoni li dawn tal-aħħar jirreġistraw fir-Reġistru ta' Trasparenza.

Din il-miżura ta' kundizzjonalità tapplika għal-laqgħat organizzati mar-Rappreżentant Permanenti u mad-Deputat Rappreżentant Permanenti meta jaġixxu fil-kapaċità tagħhom għall-Presidenza tal-Kunsill attwali jew għall-Presidenza tal-Kunsill li jmiss<sup>2</sup>. Għalhekk, ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess ma jistgħux jipparteċipaw f'tali laqgħat sakemm ma jkunux irreġistrati. Fl-2023, dan kien japplika għall-Iżvezja<sup>3</sup> u Spanja<sup>4</sup> peress li kienu qed iżommu l-Presidenzi tal-Kunsill tal-UE, u l-Belġju<sup>5</sup> bħala l-Presidenza li jmiss.

Listatal-miżuri ta' kundizzjonalità jew oħra ta' trasparenza attwalment fis-seħħ fil-istituzzjonijiet tal-UE tinsab ukoll fil-paġna ddedikata tas-sit web tar-Reġistru ta' Trasparenza.

### *Il-Parlament Ewropew*

Fl-2023, il-Parlament Ewropew stabbilixxa miżuri addizzjonali ta' kundizzjonalità jew ta' trasparenza komplementari, adottati fil-kuntest tal-pakkett ta' riforma interna tal-Parlament immirat lejn it-tiŝiħ tal-integrità, l-indipendenza u r-responsabbiltà. Dawn ir-regoli jinvolvu ċerti bidliet fir-relazzjonijiet tal-Parlament mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess irreġistrati u jiżviluppaw aktar il-qafas diġà eżistenti.

Il-Parlament saħħaħ il-politika ta' trasparenza tiegħu billi stabbilixxa miżuri li jirrikjedu li r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess jiġu rreġistrati, meta jingħataw pjattaforma fil-bini tal-Parlament. Il-parteeċipazzjoni attiva jew il-koorganizzazzjoni ta' avvenimenti li jsiru fil-bini tal-Parlament hija kundizzjonali fuq ir-reġistrazzjoni minn qabel fir-Reġistru<sup>6</sup> ta' Trasparenza wara deċiżjoni tal-Bureau tat-12 ta' Ġunju 2023. Dan ifisser li kwalunkwe rappreżentant ta' grupp ta' interess li jaġixxi bħala kelliem, moderatur jew fi kwalunkwe rwol attiv ieħor jew involut minn perspettiva loġistika, Prattika jew finanzjarja f'avveniment irid jiġi rreġistrat. Dawn ir-regoli japplikaw flimkien mal-miżura ta' kundizzjonalità diġà stabbilita li tirrikjedi<sup>7</sup> li l-kelliema fis-seduti ta' smiġħ tal-kumitati tal-Parlament jiġu rreġistrati qabel is-seduta ta' smiġħ.

Il-Parlament wessa' wkoll ir-rekwiżiti tiegħu ta' kundizzjonalità u trasparenza relatati mal-attivitajiet tal-intergruppi tal-Membri jew gruppi mhux uffiċjali oħra<sup>8</sup>. Ir-rappreżentanti ta'

---

<sup>2</sup> [https://transparency-register.europa.eu/document/download/0c791fb8-e64d-47cc-a3b0-175913788b7c\\_mt?filename=Transparency%20register%20-%20Member%20states%27%20political%20declaration.MT\\_.pdf](https://transparency-register.europa.eu/document/download/0c791fb8-e64d-47cc-a3b0-175913788b7c_mt?filename=Transparency%20register%20-%20Member%20states%27%20political%20declaration.MT_.pdf).

<sup>3</sup> [Öppenhetsregistret — Regeringen.se](https://www.oppenhetsregistret.se).

<sup>4</sup> <https://es-ue.org/erp/>.

<sup>5</sup> <https://europeanunion.diplomatie.belgium.be/en/transparency>.

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2023

<sup>7</sup> L-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2003.

<sup>8</sup> [Regoli ta' Proċedura tal-PE: Artikolu 35 \(5\) u 35a \(5\)](#).

gruppi ta' interess irreġistrati biss jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' tali intergruppi u raggruppamenti fil-bini tal-Parlament, billi joffrullhom appoġġ, jew billi jipparteċipaw jew jospitaw b'mod konġunt l-avvenimenti tagħhom. Hija prevista aktar trasparenza b'mod partikolari fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet ta' kwalunkwe appoġġ riċevut. Ir-regoli applikabli ġew issikkati f'termini ta' infurzar.

Il-Parlament introduċa wkoll miżura ta' kundizzjonalità ġdida li tirrikjedi li l-Membri josservaw perjodu ta' preklużjoni ta' sitt xhur wara tmiem il-mandat tagħhom qabel ma jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' rappreżentanza ta' gruppi ta' interess ma' Membri sedenti<sup>9</sup>. Il-kodiċi ta' kondotta għall-Membri tal-Parlament Ewropew rigward l-integrità u t-trasparenza jirrifletti din ir-regola<sup>10</sup>.

F'termini ta' aċċess għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet għal skopijiet ta' lobbying, huma r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess irreġistrati biss li jistgħu japplikaw għal aċċess fit-tul għall-bini tal-Parlament<sup>11</sup>. Fl-31 ta' Diċembru 2023, mit-12 425 entità rreġistrati fir-Reġistru ta' Trasparenza 2 030 kellhom mill-inqas rappreżentant akkreditat wieħed permess biex jaċċessa l-bini tal-Parlament. Fl-31 ta' Diċembru 2023, kien hemm 7 904 badges attivi.

Il-membri kollha huma meħtieġa jippubblikaw informazzjoni online dwar il-laqgħat skedati tagħhom ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim interistituzzjonali<sup>12</sup>. Dan ifisser kwalunkwe laqgħa relatata mal-ħidma parlamentari (rapport, opinjoni, rizzoluzzjoni, dibattitu plenarju jew urġenza) li ssir bl-għan li tinfluwenza l-politika jew il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej, kemm personalment kif ukoll mill-bogħod. L-obbligu japplika irrispettivament minn jekk il-Membri jattendux il-laqgħa personalment jew jekk l-assistenti parlamentari tal-Membri jattendux f'isimhom. Mill-31 ta' Diċembru 2023, il-Membri kienu ddikjaraw 20 301 laqgħa għas-sena kalendarja 2023. Filwaqt li jitqiesu r-rwol u l-mandat speċifiċi tagħhom, huwa rrakkomandat<sup>13</sup> li l-Membri tal-Parlament Ewropew jiltaqgħu biss ma' dawk ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li huma rreġistrati fir-Reġistru ta' Trasparenza.

Barra minn hekk, ir-relaturi huma meħtieġa jżidu l-hekk imsejħa dikjarazzjoni ta' kontribut għall-abbozzi ta' rapporti jew opinjonijiet tagħhom, li telenka l-entitajiet jew il-persuni li mingħandhom irċevew kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl<sup>14</sup>.

### *Il-Kunsill tal-UE*

Kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/929<sup>15</sup>, ir-reġistrazzjoni fir-reġistru ta' Trasparenza hija prekondizzjoni għar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess biex jiltaqgħu mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill jew mad-Diretturi Ġenerali. L-istess regola tapplika għall-partiċipazzjoni minn rappreżentanti ta' gruppi ta' interess, fil-kapaċità professjonali tagħhom, f'laqgħat ta' informazzjoni tematiċi organizzati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (fejn adatt u wara konsultazzjoni mal-Presidenza) jew bħala kelliema f'avvenimenti pubbliċi

<sup>9</sup> Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2023.

<sup>10</sup> L-Artikolu 9 tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Parlament Ewropew.

<sup>11</sup> L-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew.

<sup>12</sup> L-Artikolu 7 tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Parlament Ewropew

<sup>13</sup> Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew (l-Artikolu 11(2)).

<sup>14</sup> L-Artikolu 8 tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Parlament Ewropew.

<sup>15</sup> ĠU L 207, 11.6.2021, p. 19.

organizzati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill. Il-persunal huwa mitlub ukoll jivverifika l-kredenzjali tar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess sabiex jiżgura li jkollhom entrata fir-Reġistru ta' Trasparenza. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-persunal jenħtieġ li jikkunsidra bir-reqqa l-adeqwatezza tal-laqgħat, u jikkonsulta mas-superjur ġerarkiku tiegħu<sup>16</sup>.

Bħala miżura ulterjuri biex tittejjeb it-trasparenza u titħeġġeġ ir-reġistrazzjoni, l-istediniet lir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess biex jattendu laqgħa tal-Kunsill jew tal-korpi preparatorji tiegħu jenħtieġ li jkunu bil-kundizzjoni li dawn jiġu rreġistrati fir-reġistru ta' trasparenza. In-numru ta' reġistrazzjoni tagħhom jenħtieġ li jiġi rreġistrat fl-aġenda proviżorja. Ir-rapport annwali tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni jinkludi informazzjoni rilevanti dwar l-attenzenza ta' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess fil-laqgħat tal-Kunsill jew tal-korpi preparatorji tiegħu<sup>17</sup>.

### *Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea*

Il-Kummissjoni għandha regoli stretti fis-seħħ fir-rigward tal-kuntatti u l-interazzjonijiet tagħha mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess. B'mod partikolari, tirrikjedi li l-Membri kollha tal-Kummissjoni, il-membri tal-Kabinett tagħhom u d-Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni jiltaqgħu biss ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li huma rreġistrati fir-Reġistru ta' Trasparenza. Dan l-obbligu, minqax fil-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni Ewropea<sup>18</sup> u l-Metodi ta' Ħidma tal-Kummissjoni<sup>19</sup>, ifisser li rappreżentant ta' interess jeħtieġ li jiġi rreġistrat qabel ma jsiru tali laqgħat.

Il-Kummissjoni tippubblika informazzjoni online dwar dawn il-laqgħat kollha ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess (irreġistrati), f'konformità mad-Deċiżjonijiet tagħha 2014/838/UE, Euratom<sup>20</sup> u 2014/839/UE, Euratom<sup>21</sup>. Fl-2023, il-Kummissjoni ppubblikat informazzjoni dwar il-laqgħat<sup>22</sup> li saru mal-1 980 reġistrant. Dawk ir-reġistranti kellhom 2 891 laqgħa mal-Membri tal-Kummissjoni u/jew membri tal-Kabinetti tagħhom u 718-il laqgħa mad-Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni<sup>23</sup>. Dik l-informazzjoni, minbarra li tiġi ppubblikata fuq is-sit web<sup>24</sup>, tal-Kummissjoni, hija disponibbli wkoll bħala lista ta' laqgħat

<sup>16</sup> In-Nota tal-Persunal CP 35/21 u Nota tal-Persunal CP 42/22.

<sup>17</sup> Il-Linji gwida dwar l-attenzenza okkażjonali ta' partijiet terzi, inklużi rappreżentanti ta' gruppi ta' interess, fil-laqgħat tal-Kunsill jew tal-korpi preparatorji tiegħu, it-22 ta' Lulju 2021.

<sup>18</sup> L-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Jannar 2018 dwar Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni Ewropea (C (2018) 700), ĠU C 65, 21.2.2018, p. 7

<sup>19</sup> Il-Punt V tal-Metodi ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea.

<sup>20</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/838/UE, Euratom tal-25 ta' Novembru 2014 dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar laqgħat li saru bejn id-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni u organizzazzjonijiet jew persuni li jaħdmu għal rashom, ĠU L 343, 28.11.2014, p. 19–21.

<sup>21</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/839/UE, Euratom tal-25 ta' Novembru 2014 dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar laqgħat li saru bejn Membri tal-Kummissjoni u organizzazzjonijiet jew individwi li jaħdmu għal rashom, ĠU L 343, 28.11.2014, p. 22–24.

<sup>22</sup> L-informazzjoni li ssir pubblika tikkonsisti fid-data tal-laqgħa, il-lokazzjoni, l-isem tal-Membru tal-Kummissjoni u/jew il-Membru tal-Kabinett jew id-Direttur Ġenerali, l-isem tar-rappreżentant ta' grupp ta' interess, jiġifieri l-organizzazzjoni jew l-individwu li jaħdem għal rasu u s-suġġett tal-laqgħa. Din tiġi ppubblikata fi żmien ġimagħtejn wara l-laqgħa.

<sup>23</sup> L-istess reġistrant jista' jkun ikkonċernat minn aktar minn laqgħa waħda.

<sup>24</sup> B'mod partikolari, il-paġni web iddedikati għat-trasparenza tas-siti web tal-Membri tal-Kummissjoni, u tad-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni rispettivament.

dwar l-entrati tar-reġistranti kkonċernati fir-Reġistru ta' Trasparenza. Il-Kummissjoni tagħmel disponibbli għall-pubbliku settijiet tad-data konsolidati ta' laqgħat li saru ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess irreġistrati fuq [Data.europa.eu](https://data.europa.eu) f'format li jinqara minn magna u Excel. Dan jipprovdi lill-partijiet interessati u lill-pubbliku b'informazzjoni aċċessibbli li tkun komprensiva u pproċessata faċilment biex tiġi estratta l-informazzjoni rilevanti.

Jiġu pprovduti rakkomandazzjonijiet lill-membri kollha tal-amministrazzjoni taħt il-livell tad-Direttur Ġenerali fl-etika tal-persunal tal-Kummissjoni u titwettaq gwida, biex jivverifikaw il-kredenzjali tar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jkun f'kuntatt magħhom sabiex jiġi żgurat li jkollhom dħul fir-reġistru ta' Trasparenza. Jekk ma jkunux hemm, il-persunal jingħata l-parir biex jistiednu dejjem għar-reġistrazzjoni qabel ma jidhul fi kwalunkwe kuntatt ieħor.

Il-Kummissjoni taħtar biss rappreżentanti ta' gruppi ta' interess irreġistrati għall-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni f'konformità mar-regoli rilevanti tagħha<sup>25</sup>. Dan ir-rekwiżit ta' reġistrazzjoni minn qabel japplika kemm għall-membri tat-Tip "B"<sup>26</sup> kif ukoll għal dawk tat-tip "C"<sup>27</sup>. Jekk dawn il-membri jiġu sospiżi jew jitneħħew mir-reġistru ta' Trasparenza, il-Kummissjoni tissospendihom mill-grupp(i) ta' esperti li huma membri tiegħu/ tagħhom, sakemm terġa' tiġi stabbilita r-reġistrazzjoni tagħhom.

Bħala miżura oħra biex ittejjeb it-trasparenza u tinkoraġġixxi r-reġistrazzjoni, il-Kummissjoni tipprovdi notifikati awtomatiċi lir-reġistranti li jkun spjegaw interess f'qasam ta' politika partikolari, filwaqt li tinnotifikahom bit-tneġġija ta' konsultazzjonijiet pubbliċi jew pjanijiet direzzjonali fl-oqsma rilevanti. Il-kontribuzzjonijiet mir-reġistranti jiġu pproċessati wkoll separatament minn dawk ta' risponenti mhux irreġistrati<sup>28</sup>. Dawn il-kontribuzzjonijiet huma aċċessibbli mill-entrati tar-reġistranti kkonċernati fir-reġistru ta' Trasparenza.

#### *Miżuri meħuda minn istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE*

Fl-2023, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Regġuni adottaw miżuri interni ta' trasparenza marbuta mar-reġistru ta' Trasparenza. Dawn huma l-ewwel korpi tal-UE lil hinn mill-istituzzjonijiet firmatarji tal-FII li jieħdu tali miżuri f'konformità mal-Artikolu 11 tal-FII.

Fil-21 ta' Marzu u fl-4 ta' Lulju 2023 rispettivament, iż-żewġ kumitati nnotifikaw lill-Bord tat-Tmexxija bid-deċiżjonijiet legalment vinkolanti tagħhom li permezz tagħhom daħħlu fis-seħħ il-miżuri ta' trasparenza komplementari li ġejjin skont it-tifsira tal-FII:

- rakkomandazzjoni lill-membri fil-kariga tagħhom, kif definit fid-deċiżjonijiet rispettivi tagħhom, biex jiltaqgħu biss ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess irreġistrati;
- pubblikazzjoni obbligatorja ta' informazzjoni dwar il-laqgħat li jsiru bejn il-membri fil-kariga koperti u r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess fuq is-sit web rispettiv tagħhom;

<sup>25</sup> L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-funzjonament tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni (C (2016) 3301).

<sup>26</sup> Individwi maħtura biex jirrappreżentaw interess komuni kondiviż mill-partijiet ikkonċernati f'qasam ta' politika partikolari.

<sup>27</sup> Organizzazzjonijiet fis-sens wiesa', inklużi kumpaniji, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet mhux governattivi, trade unions, universitajiet, istituti ta' riċerka, ditti legali u konsulenti.

<sup>28</sup> Il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni Ewropea (SWD (2017) 350), b'mod partikolari il-Kapitolu VII Linji Gwida dwar il-Konsultazzjoni mal-Partijiet Ikkonċernati.



- għażla għar-relaturi tal-kumitati biex jehmżu “impronta leġiżlattiva” fuq il-kontribut minn rappreżentanti ta’ gruppi ta’ interess għall-opinjoni tagħhom, għal kull prattika simili fil-Parlament Ewropew.

Il-Bord tat-Tmexxija qies li daww il-miżuri kienu konsistenti mal-għanijiet segwiti mill-FII. Konsegwentement, dawn ġew ippubblikati fuq is-sit web tar-reġistru ta’ Trasparenza wara d-dħul fis-seħħ tagħhom fl-1 ta’ Ġunju 2023 u fl-1 ta’ Jannar 2024 rispettivament.

## V. Attivitajiet tas-Segretarjat

Fl-2023, il-prijoritajiet annwali ddeterminati mill-Bord tat-Tmexxija għar-reġistru ta’ Trasparenza kienu:

- l-użu ta’ teknoloġija tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku biex jiġi aġġornat is-sit web tar-reġistru;
- l-iżgurar ta’ progress nett dwar il-kwalità tad-*data*;
- kooperazzjoni kontinwa mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-awditu tagħhom tar-reġistru ta’ Trasparenza;
- kooperazzjoni ma’ istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħra;
- attivitajiet ta’ sensibilizzazzjoni kontinwi.

Is-Segretarjat ħadem biex iwettaq dawn il-prijoritajiet annwali, inkluż billi saħħaħ il-verifika tal-eliġibbiltà tiegħu, żied l-assistenza tal-helpdesk u introduċa għadd ta’ titjib fil-pjattaforma tal-IT flimkien mal-attivitajiet ta’ kuljum tagħha, spjegati hawn taħt.

### 1. Monitoraġġ tal-kwalità tad-*data*

Ir-reġistru ta’ Trasparenza joffri stampa tal-attivitajiet attwali ta’ lobbying imwettqa minn rappreżentanti ta’ gruppi ta’ interess dwar il-formulazzjoni jew l-implimentazzjoni reċenti taċ-ċikli ta’ politika u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE, inklużi dettalji speċifiċi dwar il-proposti leġiżlattivi ewlenin jew il-politiki mmirati. Dan jispjega għaliex id-*data* qed tinbidel kontinwament, u għaliex xi rappreżentanti ta’ gruppi ta’ interess jirreġistraw biss għal perjodu limitat, filwaqt li oħrajn jistgħu jibqgħu fil-bażi tad-*data* għal perjodu ta’ żmien itwal.

Billi jirreġistraw, ir-rappreżentanti ta’ gruppi ta’ interess jimpenjaw ruħhom li jipprovdu informazzjoni li tkun kompluta, -aġġornata- u li ma tiżgwidax fil-mument tar-reġistrazzjoni, u li fl-aħħar mill-aħħar ikunu responsabbli għall-preċiżjoni tad-*data* tar-reġistrazzjoni tagħhom. Għal dak l-għan, ir-reġistranti huma mħeġġa jerġgħu jeżaminaw u jaġġornaw l-informazzjoni pprovduta hekk kif isseħħ kwalunkwe bidla kbira u jridu jaġġornaw ir-reġistrazzjoni tagħhom mill-inqas darba fis-sena sabiex jibqgħu fir-reġistru.

Wieħed mill-kompiti ewlenin tas-Segretarjat huwa li r-reġistranti jiġu mfakkra dwar l-obbligi tagħhom u li tiġi żgurata l-aħjar kwalità possibbli tad-*data* fir-Reġistru ta’ Trasparenza. Fil-kuntest tal-attivitajiet ta’ monitoraġġ ġenerali tiegħu fl-2023, is-Segretarjat ivverifika għadd totali ta’ 7 705 entità<sup>29</sup> li jew applikaw għar-reġistrazzjoni jew li diġà ddaħħlu fir-reġistru, li hija żieda ta’ 13 % fuq l-għadd ta’ verifiki mwettqa s-sena ta’ qabel. Dawn il-verifiki kienu

<sup>29</sup> Xi entitajiet saritilhom aktar minn verifika waħda fl-2023 u għalhekk l-għadd totali ta’ verifiki kien ogħla.

jikkonsistu fi skrinjar imwettaq fl-istadju tal-applikazzjoni, verifiki tal-kwalità mmirati ta' entitajiet diġà rreġistrati u kwalunkwe verifika addizzjonali mwettqa fil-kuntest tal-proċeduri ta' investigazzjoni.

Stadju ta' applikazzjoni: Għalkemm l-għadd ta' reġistranti totali baqa' stabbli<sup>30</sup>, il-fatturat ta' reġistranti ġodda huwa relattivament għoli, għalhekk il-kwalità tal-informazzjoni disponibbli fir-reġistru żdiedet b'mod parallel. Is-Segretarjat jivvaluta l-eliġibbiltà u l-kwalità tad-*data* tal-applikazzjonijiet ġodda kollha għar-reġistrazzjoni qabel ma jkunu jistgħu jiġu attivati u ppubblikati fir-reġistru. Dan jgħin biex jittejbu kemm ir-rilevanza kif ukoll il-konsistenza tad-*data* pprovduta. Mit-3 404 applikazzjonijiet li waslu fl-2023 (+/- 9 kuljum u żieda ta' 14 % tal-applikazzjonijiet meta mqabbla mas-sena ta' qabel), 2 255 (66 %) ġew aċċettati u attivati wara l-proċess ta' verifika, li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet jirrikjedi aġġornament jew korrezzjoni mill-applikant ikkonċernat.

Verifiki mmirati: Minbarra l-verifika ta' kuljum ta' applikazzjonijiet ġodda, is-Segretarjat jieħu wkoll approċċ aktar immirat, b'mod partikolari f'ċirkostanzi fejn ikollu raġuni biex jemmen li r-reġistrazzjonijiet ma jipprovdwx b'mod akkurat l-informazzjoni meħtieġa. Is-Segretarjat wettaq total ta' 4 301 verifika tal-kwalità mmirata fl-2023. Minn dawn:

- 3 572 reġistrant ivverifikat ipprova kwalità tad-*data* sodisfaċenti (83 %), jew mill-bidu nett (2 550 reġistrazzjoni vverifikati jew 59.2 %), jew wara li ġew imħeġġa mis-Segretarjat biex jaġġorna (1 022 reġistrazzjoni jew 23.8 %);
- 453 tneħħew mir-reġistru wara l-kuntatt mas-Segretarjat, minħabba ineliġibbiltà jew nuqqas ta' aġġornament (10.6 %);
- 276 kienu għadhom pendenti fi tmiem l-2022 (6.4 %).

Fl-2023, il-kwalità ġenerali tad-*data* fir-reġistru tjejbet b'mod sinifikanti, bis-sehem ta' dawk ir-reġistrazzjonijiet ivverifikati li pprovdew kwalità tad-*data* sodisfaċenti fiż-żmien tal-verifika jiżdied b' 40 %, filwaqt li s-sehem tat-tneħħija mir-reġistru għall-ineliġibbiltà jew in-nuqqas ta' aġġornament, wara verifika, jonqos bi 22 % meta mqabbel mas-sena ta' qabel.

Il-verifiki mmirati jeħtieġu attenzjoni partikolari fuq ir-reġistrazzjonijiet fejn instabet jew x'aktarx teżisti inkonsistenza jew kwistjoni oħra. Fil-kuntest tal-monitoraġġ imfassal apposta tar-reġistru, is-Segretarjat wettaq verifiki tal-kwalità mmirati fuq entitajiet mhux kummerċjali li ddikjaraw li għandhom baġit ta' EUR 0. Is-Segretarjat ivverifika bir-reqqa r-reġistrazzjonijiet ikkonċernati wkoll għal kwalunkwe inkonsistenza oħra u solva l-kwistjonijiet b'rata għolja ta' suċċess: 17 % kienu korretti mill-bidu nett, 54 % ġew aġġornati jew ipprovdew spjegazzjoni sodisfaċenti, u 28 % tneħħew.

## 2. Servizz ta' Helpdesk

Is-Segretarjat jipprova servizz ta' helpdesk biex iwieġeb it-tipi kollha ta' mistoqsijiet dwar ir-reġistru ta' Trasparenza permezz ta' sit web multilingwi, miftuħ għall-applikanti u r-reġistranti u għall-pubbliku. Is-Segretarjat jipprova assistenza malajr kemm jista' jkun, u ġeneralment iwieġeb fi żmien 48 siegħa.

Fl-2023, is-Segretarjat wieġeb 2 567 mistoqsija, li kienu jinkludu talbiet għal informazzjoni dwar ir-reġistru ta' Trasparenza minn partijiet ikkonċernati, riċerkaturi u individwi, kif ukoll talbiet għal appoġġ tekniku u gwida minn applikanti u reġistranti matul il-proċess ta'

<sup>30</sup> 12 425 fil-31 ta' Diċembru 2022, u 12 469 fil-31 ta' Diċembru 2023.

reġistrazzjoni jew meta jiltaqgħu ma' diffikultajiet tekniċi. L-għadd ta' mistoqsijiet riċevuti kien 25 % oġhla mill-2022<sup>31</sup>.

### 3. Investigazzjonijiet

Minbarra l-monitoraġġ tal-kwalità tad-*data* fir-reġistru ta' Trasparenza, is-Segretarjat jittratta l-ilmenti li jidhru u jwettaq investigazzjonijiet fuq inizzjattiva proprja f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Anness III tal-FII. B'dan il-mod, is-Segretarjat jaġixxi f'konformità mal-prinċipji sottostanti tal-proporzjonalità u ta' amministrazzjoni tajba.

“Ilment” jirreferi għal proċedura li tikkonċerna allegazzjonijiet miġjuba għall-attenzjoni tas-Segretarjat dwar nuqqas ta' osservanza min-naħa ta' reġistrant partikolari tal-kodiċi ta' kondotta. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tagħmel tali allegazzjonijiet kontra reġistrant tista' tressaq ilment lis-Segretarjat billi timla l-formola rilevanti fuq [is-sit web](#) tar-Reġistru ta' Trasparenza u tipprovdi evidenza ta' sostenn.

“Investigazzjoni fuq inizzjattiva proprja” tirreferi għal proċedura li biha s-Segretarjat jeżamina jekk reġistrant partikolari jkunx eliġibbli li jibqa' fir-reġistru, fid-dawl tal-informazzjoni riċevuta jew identifikata, li tista' tindika ineliġibbiltà biex tibqa' fir-reġistru jew minħabba nuqqas ta' attivitajiet rilevanti jew nuqqas ta' osservanza tal-kodiċi ta' kondotta.

Fl-2023, is-Segretarjat għalaq 10 investigazzjonijiet dwar ilmenti pendenti mis-sena preċedenti, li fihom ir-reġistranti rispettivi aġġornaw ir-reġistrazzjoni tagħhom jew inkella pprovdew spjegazzjonijiet sodisfaċenti. Barra minn hekk, huwa għalaq investigazzjoni waħda li wasslet għat-tneħħija tar-reġistrant ikkonċernat.

Fl-istess sena, is-Segretarjat irċieva 35 ilment ġdid. Minn dawn, 22 instabu li kienu inammissibbli, peress li jew ma kinux relatati ma' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Reġistru ta' Trasparenza (eż. ilmenti personali jew ilmenti relatati mal-konsumatur) jew ma ssodisfawx il-kriterji ta' ammissibbiltà stabbiliti fl-Anness III tal-FII. Mit-13-il ilment ammissibbli, 10 ingħalqu fl-2023 b'eżitu pożittiv f'termini ta' kooperazzjoni sħiħa tar-reġistranti kkonċernati. It-tlieta li jifdal kienu għadhom qed jiġu investigati fi tmiem is-sena. Aktar minn nofs l-ilmenti ammissibbli kienu jikkonċernaw allegat nuqqas ta' osservanza tal-punt (f) tal-kodiċi ta' kondotta mir-reġistranti kkonċernati, f'termini ta' preċiżjoni u kompletezza tal-informazzjoni pprovduta fir-reġistrazzjoni, xi drabi flimkien ma' allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' osservanza possibbli ta' punti oħra tal-kodiċi. Fejn il-każijiet kienu jikkonċernaw biss il-punt (f) tal-kodiċi, dawn ġew solvuti mir-reġistranti li jaġġornaw fi żmien 20-il jum ta' xogħol u ngħalqu fi żmien xahrejn.

Każijiet oħra kienu relatati ma' allegat nuqqas ta' osservanza tal-punt (b) tal-kodiċi, fejn ir-reġistranti jridu jispeċifikaw il-klijenti jew il-membri li jirrappreżentaw, jew il-punt (j) rigward ir-relazzjoni bejn il-klijent-intermedjarju. F'termini ta' aspettattivi pubbliċi, huwa ċar li hemm tħassib dwar l-interessi sottostanti promossi minn kwalunkwe organizzazzjoni partikolari li jridu jiġu ddikjarati b'mod ċar u konsistenti fir-reġistrazzjoni: għal dan l-għan, fil-kuntest ta' relazzjoni bejn il-klijent u l-intermedjarju, iż-żewġ partijiet f'tali relazzjoni għandhom jiddaħħlu fir-reġistru u d-dikjarazzjonijiet korrispondenti għandhom ikunu konsistenti.

---

<sup>31</sup> Fl-2022, is-Segretarjat wieġeb 2056 mistoqsija u talba.

Meta jittratta investigazzjoni, is-Segretarjat dejjem ifittex li jiżgura djalogu konstruttiv mar-reġistrant (i) rilevanti sabiex jikkjarifika u jsolvi l-kwistjonijiet identifikati, kemm jista' jkun qabel ma jieħu kwalunkwe miżura meħtieġa. Fl-2023, is-Segretarjat ma sabx li kien meħtieġ li japplika miżuri skont il-punt 8 tal-Anness III tal-FII kontra reġistrant.

Fl-2023, is-Segretarjat fetaħ żewġ każijiet ta' investigazzjoni proprja mmirati lejn entitajiet irreġistrati, li minnhom, 1 kien għadu għaddej fi tmiem is-sena. Is-Segretarjat għalaq 7 investigazzjonijiet mis-sena preċedenti, inklużi l-erba' investigazzjonijiet li kien fadal dwar rappreżentanti ta' gruppi ta' interess irreġistrati li għandhom il-kwartieri ġenerali fil-Federazzjoni Russa.

#### 4. Laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija tal-2023

Is-Segretarjat ħejja t-tieni laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija, li saret fil-31 ta' Marzu 2023. F'dik il-laqgħa, il-Bord tat-Tmexxija ħa d-deċiżjonijiet li ġejjin:

- ħatar il-kap tal-unità responsabbli għall-kwistjonijiet ta' trasparenza fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill bħala Koordinatur tas-Segretarjat għal mandat ta' sena (mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2024);
- adotta r-rapport annwali għall-2022, qabel li jippreżentah lill-istituzzjonijiet firmatarji u li jipubblikah fuq is-sit web tar-Reġistru ta' Trasparenza;
- iddetermina l-prijoritajiet annwali għar-reġistru fl-2024, flimkien mal-estimi tal-baġit u s-sehem għall-implimentazzjoni ta' dawk il-prijoritajiet għal kull istituzzjoni firmatarja<sup>32</sup>;
- ħa nota tal-isfidi dejjem akbar għar-reġistru u l-ħidma tas-Segretarjat f'termini ta' għadd sinifikanti ta' lmenti, investigazzjonijiet sensitivi fuq inizjattiva proprja u d-domanda dejjem akbar għal *data* ta' kwalità għolja fir-Reġistru ta' Trasparenza.

Id-dokumenti kollha relatati mal-laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija, inklużi l-aġenda u l-minuti tal-laqgħa, jiġu ppubblikati [fis-sottopaġna dwar il-governanza](#) tas-sit web tar-Reġistru ta' Trasparenza.

#### 5. Gwida u sensibilizzazzjoni

Is-Segretarjat joħroġ gwida biex jiċċara u jispjega f'aktar dettall ċerti dispożizzjonijiet tal-FII. Din il-gwida hija r-riżultat ta' skambji regolari mal-partijiet ikkonċernati u għandha l-għan li tappoġġa lill-applikanti u lir-reġistranti fl-isforzi tagħhom biex jipprovdu informazzjoni akkurata u jevitaw żbalji komuni.

Meta jwettaq l-attivitajiet ta' monitoraġġ tiegħu, is-Segretarjat jista' jistieden ukoll lill-entitajiet biex jirreġistraw fir-Reġistru ta' Trasparenza, fejn rilevanti. Is-Segretarjat iwettaq attivitajiet regolari ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni biex iqajjem kuxjenza dwar l-għodda fost il-partijiet ikkonċernati. Fl-2023 dan kien jinkludi sessjonijiet ta' informazzjoni

---

<sup>32</sup> Għall-2024, l-estimi tal-baġit jistgħu jinstabu fuq [is-sit web](#). Ġew miftiehma l-ishma li ġejjin: Il-Kummissjoni: 57 %; Il-Parlament: 33 %; Il-Kunsill: 10 %.

u skambji li saru ma' diversi partijiet interessati<sup>33</sup> u studenti universitarji kif ukoll kuntatti u l-iskambju tal-aħjar Prattika ma' korpi simili fil-livell nazzjonali jew Ewropew<sup>34</sup>.

It-tliet istituzzjonijiet għamlu sforzi addizzjonali biex iqajmu kuxjenza dwar ir-Reġistru ta' Trasparenza f'kull istituzzjoni, permezz ta' sessjonijiet iddedikati ta' informazzjoni u taħriġ għall-persunal<sup>35</sup>.

## 6. Żviluppi tekniċi

Is-Segretarjat jikkoordina l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-IT biex jittejjeb ir-reġistru ta' Trasparenza.

Fl-2023 is-Segretarjat kellu l-għan li jkompli jżid it-trasparenza u l-utilità tas-sit web pubbliku tar-reġistru mill-ġdid. Għal dak l-għan, ir-reġistranti li jiġu sospiżi temporanjament issa huma viżibbli f'lista ddedikata li tidher fil-paġna ewlenija tas-sit web.

Fl-istess sena, is-Segretarjat nieda l-ħidma tiegħu fil-bini tal-pjattaforma diġitali l-ġdida tar-Reġistru ta' Trasparenza biex jadatta għall-istandards teknoloġiċi u tas-sigurtà tal-informazzjoni kontemporanji u jtejjeb l-esperjenza tal-utent. L-għodda l-ġdida tal-IT se tissostitwixxi l-infrastruttura teknoloġika eżistenti tar-reġistru u tinkludi verżjoni ġdida tas-sit web pubbliku tar-Reġistru ta' Trasparenza, kif ukoll ambjenti ġodda tal-back-office. Il-verżjoni l-ġdida tar-reġistru ta' Trasparenza hija mistennija li ttitlesta kmieni fl-2024.

## 7. Awditu tal-QEA dwar ir-registruta' Trasparenza

Ir-reġistru ta' Trasparenza għadda minn awditu kbir mill-QEA matul l-2023, li diġà nieda uffiċjalment f'Lulju 2022. Is-Segretarjat ikkoopera b'mod kostruttiv mal-awdituri u ħa dem b'mod intensiv biex jappoġġja l-proċess tal-awditjar bil-kontribut kollu meħtieġ biex jgħin jiżgura li l-eżitu tal-awditu jagħti rakkomandazzjonijiet utli għall-iżvilupp u t-titjib ulterjuri tar-reġistru. Ir-rapport speċjali tal-awditjar inkludi r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA u t-tweġibiet tat-tliet istituzzjonijiet awditjati li jiffurmaw ir-reġistru ta' Trasparenza huma mistennija li jiġu ppubblikati fit-tieni trimestru tal-2024.

## 8. Deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew fil-każ 532/2023/FA

---

<sup>33</sup> L-Assoċjazzjoni tal-Konsulenti fl-Affarijiet Pubbliċi Ewropej (EPACA, European Public Affairs Consultancies Association), iċ-Ċentru Ewropew għall-Affarijiet Pubbliċi (ECPA, European Centre for Public Affairs), il-Kunsill tal-Affarijiet Pubbliċi (PAC, Public Affairs Council) Transparency International Brażil (EUVP).

<sup>34</sup> In-Network Ewropew tar-Reġistraturi tal-Lobbying (ELRN, European Lobbying Registrars' Network). Żjara tad-Delegazzjoni Parlamentari Serba, Reġjun Auvergne Rhones Alpes, Membri tal-Parlament Ukren, Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA).

<sup>35</sup> Dan jinkludi 46 sessjoni ta' informazzjoni dwar ir-rappreżentanza ta' gruppi ta' interess għall-persunal u l-assistenti akkreditati fil-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll ħames sessjonijiet ta' taħriġ bħal dan lill-persunal tagħha stess, kif ukoll preżentazzjonijiet imfassla apposta għall-Kabinetti tal-Membri tal-Kummissjoni u għan-network tagħhom ta' punti ta' kuntatt dwar it-trasparenza u l-etika. Fil-Kunsill, twettqu sensiela ta' azzjonijiet ta' komunikazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni sabiex jiġu ppreżentati u spjegati l-FII u l-implimentazzjoni Prattika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/929, b'mod partikolari għall-manigġers.

F'Marzu 2023 reġistrant wieħed ilmenta mal-Ombudsman Ewropew dwar it-trattament mis-Segretarjat ta' żewġ investigazzjonijiet konnessi bbażati fuq ilmenti mressqa minn dak ir-reġistrant f'Lulju 2022.


Is-Segretarjat ikkoopera b'mod attiv mas-servizzi tal-Ombudsman Ewropew matul l-investigazzjoni.

L-Ombudsman Ewropew adotta deċiżjoni li sabet amministrazzjoni ħażina u għamlet suġġerimenti dwar it-twettiq ta' investigazzjonijiet tas-Segretarjat dwar l-ilmenti fil-bidu tal-2024<sup>36</sup>.

## VI. Statistiċi


### 1. Żvilupp tar-Reġistru ta' Trasparenza

Ir-reġistru ta' Trasparenza kiber b'mod kostanti fid-daqs mill-bidu tiegħu bħala bażi tad-data pubblika konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni sal-iskema tripartitika attwali stabbilita mill-FII. Fl-2023 l-għadd totali ta' reġistranti baqa' ġeneralment stabbli meta mqabbel mal-2022. Kien hemm 12 469 rappreżentant ta' gruppi ta' interess irreġistrati fi tmiem l-2023.




Iċ-ċart ta' hawn taħt turi l-bidliet fl-għadd ta' reġistrazzjonijiet ġodda, li jkopru rappreżentanti ta' gruppi ta' interess irreġistrati fuq perjodu ta' 12-il xahar, bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2023, u li kienu għadhom attivi fi tmiem dak il-perjodu. L-għadd ta' reġistrazzjonijiet ġodda fl-2023 (2 255) huwa ogħla milli fis-snin ta' qabel id-dħul fis-seħħ (2021) tal-FII. Is-Segretarjat irċieva 3 404 applikazzjoni ( $\pm$  9 kuljum), li jfisser li 66 % biss minnhom ġew aċċettati u attivati mis-Segretarjat wara l-iskrinjar tiegħu.

<sup>36</sup> <https://www.ombudsman.europa.eu/en/opening-summary/en/168956>.



## 2. Interessi rappreżentati

Skont l-FII, ir-reġistranti huma mqassma fi tliet tipi ewlenin ta' gruppi ta' interessi rappreżentati, b'faxex korrispondenti differenti ta' informazzjoni finanzjarja applikabbli għal kull kategorija.




Ir-reġistranti għażlu t-taqsimiet li ġejjin:

Konsulenti professjonali	523
Ditti legali	64
Konsulenti li jaħdmu għal rashom	131
Kumpaniji u gruppi	3 172
Assoċjazzjonijiet kummerċjali u ta' impriżi	2 599
Trade unions u assoċjazzjonijiet professjonali	961
Organizzazzjonijiet nongovernattivi, pjattaformi u networks, u oħrajn simili	3 480
Gruppi ta' riflessjoni u istituzzjonijiet ta' riċerka	569
Istituzzjonijiet akkademiċi	312
Organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw knejjes u komunitajiet reliġjużi	46
Assoċjazzjonijiet u networks tal-awtoritajiet pubbliċi	151
Entitajiet, uffiċċji jew networks stabbiliti minn pajjiżi terzi	2
Organizzazzjonijiet oħra, entitajiet pubbliċi jew imħallta	459

### 3. *Data ġeografika*

Ir-reġistrazzjoni fir-reġistru ta' Trasparenza mhijiex limitata għal rappreżentanti ta' gruppi ta' interess stabbiliti fl-UE, għalkemm l-akbar grupp ta' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess iwettqu l-attivitajiet tagħhom minn stabbiliment fil-Belġju. Madankollu, peress li l-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-UE jaffettwa wkoll lill-individwi u lin-negozji barra mill-UE u jista' jkollu impatt fuq il-kummerċ u relazzjonijiet esterni oħra lil hinn mill-fruntieri tas-27 Stat Membru, din il-firxa globali hija riflessa wkoll fir-reġistru ta' Trasparenza.





#### 4. Fehmiet tad-*data* tar-registruta' trasparenza

Fl-2023, is-sett tad-*data* kkonsolidat tar-reġistru ta' Trasparenza fuq [Data.europa.eu](https://data.europa.eu) kien it-8 l-aktar li deher fost aktar minn 1 600 000 sett ta' data ppubblikati fuqhom. Is-settijiet tad-*data* jippermettu lill-utenti jniżżlu (f' format xml jew Excel) il-lista ta' individwi akkreditati għall-aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew u l-lista ta' organizzazzjonijiet li jidhru fir-reġistru ta' Trasparenza, li jmorru lura diversi snin.

## VII. Konklużjonijiet

Is-sena 2023 kienet sena ta' stabbiliment għall-operazzjonijiet tar-reġistru ta' Trasparenza. Bħala bażi tad-*data*, ir-reġistru huwa l-għodda ta' informazzjoni u ta' referenza biex jiġu segwiti l-attivitajiet ta' rappreżentanza ta' gruppi ta' interess imwettqa fil-livell tal-UE. Dan jidher fl-użu popolari tal-kontenut tad-*data* tiegħu, iż-żieda fl-għadd ta' applikazzjonijiet — żieda ta' 14 % sena wara sena — kif ukoll l-adozzjoni minn żewġ korpi tal-UE ta' miżuri interni ta' trasparenza marbuta mal-qafas tar-reġistru.

Kienet ukoll sena impenjattiva f'termini tal-attivitajiet ewlenin tas-Segretarjat, inkluż it-trattament ta' talbiet tal-helpdesk, attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, monitoraġġ tal-kwalità tad-*data* u investigazzjonijiet dwar ir-reġistranti. Id-*data* ġenerali fir-reġistru ta' Trasparenza qed turi sinjali qawwija ta' stabbilizzazzjoni u titjib, b'riżultat tal-monitoraġġ u l-verifiki intensifikati tas-Segretarjat. Is-Segretarjat ikkoopera wkoll mal-QEA dwar l-awditu tagħha fuq ir-reġistru ta' Trasparenza, introduċa titjib fil-pjattaforma tal-IT flimkien mal-attivitajiet ta' kuljum tiegħu, u kkollabora b'mod attiv ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE interessati li jissieħbu fil-qafas ta' trasparenza tar-reġistru, kif spjegat fir-rapport.

Bħala għodda pubblika, ir-Reġistru ta' Trasparenza għandu rwol importanti fil-preservazzjoni tal-fiduċja pubblika u t-tisħiħ tar-responsabbiltà, fi ħdan il-politika usa' ta' trasparenza tal-istituzzjonijiet tal-UE, u fil-wiri tal-impenn komuni tal-istituzzjonijiet tal-UE għall-promozzjoni ta' rappreżentanza tal-interessi trasparenti u etika. Hekk kif l-aspettattivi pubbliċi dwar it-trasparenza qed ikomplu jikbru u jevolvu, b'mod partikolari qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jmiss fl-2024, huwa importanti li l-istituzzjonijiet tal-UE jkomplu jużaw u jsaħħu r-Reġistru ta' Trasparenza biex jiksbu riżultati konkreti dwar it-trasparenza tal-lobbying.